

# Il-Qniepen tal-Knisja Parrokkjali tagħna - Mitt Sena Fostna 1912 - 2012

*Riċerka u kitba ta' Pawlu Dimech*

Fiż-żewġ kampnari imponenti tal-knisja parrokkjali u matriċi ddedikata lit-Trinità Qaddisa fil-Marsa nsibu sett ta' erba' qniepen li proprju din is-sena għalqu mitt sena fostna. Il-qniepen inħadmu mid-ditta magħrufa Barigozzi ta' Milan l-Italja. Kienu l-benefatturi l-Kavallier is-Sur Lorenzo Balbi mill-Belt Valletta u martu Marija Karmela li ħallsu għalihom. Balbi kien għamel kuntatt mad-ditta ta' Barigozzi biex ġab Malta l-ewwel sett li nħadmu minn din id-ditta għal dawn il-gżejjer Maltin, tant li wara kienu ħafna l-knejjes li ordnaw il-qniepen tagħhom mingħandha sakemm għalqet il-bibien tagħha fl-1975.

Il-qniepen tal-Marsa waslu Malta bil-baħar fejn tħattew ix-xatt nhar it-3 ta' Marzu 1912 u l-għada fid-9 ta' filgħodu ġew meħudin fil-knisja tal-Marsa u tpoġġew taħt l-aħħar nava. Iċ-ċerimonja u l-konsagrazzjoni saru nhar l-14 ta' Marzu 1912 mill-W.R. Mons. Luigi Attard, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta. Skont kif hemm miktub fil-faxxiklu ta' *L-Immakulata* tal-1912 f'paġna 78, insibu dak kollu li sar dakinhar bit-titlu '*L-ewwel ċerimonja pubblika fil-knisja tal-Marsa*'. Dan il-faxxiklu kien joħroġ mill-patrijiet Kapuċċini Maltin. Iċ-ċerimonja kienet irnexxiet u kienet waħda kommoventi. Bdiet billi ħarġet purċissjoni mis-Sagristija għall-aħħar kappella fejn l-erba' qniepen tal-fabbrika Barigozzi kienu mdendlin u mżejnin bil-frieghi tar-rand u ż-żebbuġ. L-art tal-knisja ġiet miksija bil-weraq tar-rand kif kienet l-użanza dak iż-żmien fil-festi.

Il-Monsinjur Vigarju li kien assistit mill-kleru tal-Minuri Kapuċċini għamel iċ-ċerimonja tat-tberik u l-konsagrazzjoni tal-qniepen. Għal din iċ-ċerimonja kienu preżenti l-benefatturi Lorenzo u Marija Karmela Balbi, sinjuri mistiedna u l-poplu Marsi. Il-parrinijiet tal-qniepen kienu hekk:

(1) għall-qanpiena l-kbira kien il-Profs Antonio Nani. Din ġiet mgħammda bl-isem ta' Lorenza għal Lorenzo Balbi u tinsab fil-kampnar tax-xellug.

(2) għat-tieni qanpiena l-kbira tal-arloġġ kien is-sur Giovanni Domenico Debono, il-perit tal-knisja tagħna. Ingħatat l-isem tal-benefattriċi Marija Carmela għal mart Lorenzo u tinsab fil-kampnar tal-lemin.

(3) għat-tielet waħda kien is-Sur Almerigo Busuttil. Ġiet imsemmija Pawlina għall-Appostlu Missierna San Pawl u tinsab fil-kampnar tal-lemin.

(4) għall-qanpiena ż-żgħira kien is-sinjur Giovanni Anastasi. Ingħatat l-isem ta' Francesca għal San Franġisk t'Assisi u tinsab fil-kampnar tal-lemin.

Meta spiċċat il-funzjoni tat-tberik u l-konsagrazzjoni tal-qniepen, dawk kollha preżenti daħlu fis-sagristija bl-istess ordni li kienu ħarġu u wara ġie mogħti x-xorb fost il-ferħ ta' kulħadd. Mad-dehra tiegħu fis-sagristija, il-benefattur Lorenzo Balbi ntlaqa' b'applaws ġenerali u l-istess ġara meta Mons. Vigarju Luigi Attard fid-diskors tal-okkażjoni faħħar lilu u l-opra kbira li għamel u qallu li bħalu l-knisja ta' Malta għad ma kellhiex benefattur daqshekk *insigni*.

Il-qniepen tal-bronż fondati fil-fonderija ta' Barigozzi nsibu fuqhom dekorazzjoni u kitba bil-Latin li tagħti dettalji tal-isem tagħhom u s-sena 1912 meta ġew fondati fil-fonderija. Girlanda tassew artistika ta' weraq dekorattiv u rfinut issebbaħ il-qniepen flimkien mal-arma tal-familja Balbi u d-ditta Barigozzi ta' Milan. Mal-widnejn ta' kull ħolqa tal-kuruna fil-parti ta' fuq tal-qanpiena, eżattament fejn tintrabat, hemm maħruġin irjus ta' anġli flimkien ma' weraq dekorattiv. Fuq kull qanpiena nsibu l-Kurċifiss u l-Madonna taħt erba' titli. Dawn huma mill-kbira saż-żgħira; *L-Immakulata Kunċizzjoni*, *Il-Madonna tal-Karmelu*, *Santa Marija Mtellgħa s-Sema* u *Il-Madonna tar-Rużarju Mqaddes*. Fuq kull qanpiena nsibu xbihat ta' qaddisin fuq pedestalli b'arma tas-SSma. Trinità. Fost dawn insibu fil-kbira lil San Lawrenz, lil San Ġorġ fuq





iż-żiemel u San Carlo Borromero patrun ta' Milan fejn ġew fondati l-qniepen. Fit-tieni waħda naraw l-erba' Evanġelisti; San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann. Fit-tielet waħda hemm San Pawl Appostlu u San Publiju. Fiż-żgħira nsibu lil San Ġorġ u lil San Franġisk t'Assisi. Ma' kull ilsien tal-qanpiena hemm ħolqa li permezz ta' ganċ jintrabat ħabel biex jistgħu jindaqqu kemm minn fuq kif ukoll minn isfel. In-noti tal-qniepen huma "RE4-D, LA3-A, FA3-FIS, RE3-D".

Fin-naħa tal-kampnar tal-lemin hemm ukoll l-arloġġ tal-ħin li kien ġie mqiegħed fid-9 ta' Mejju 1912 ftit wara li dendlu l-qniepen. L-arloġġ kien jitħaddem billi jingħata l-imradd u marbut miegħu kien hemm il-mazzri li jagħtu 'l isfel għall-kampnar. Miegħu hemm marbut bħal apparat li permezz ta' mrietel jew mazez kbar idoqq il-ħin billi jagħtu daqqiet fuq żewġ qniepen kull kwarta. Fin-naħa tal-kampnar tax-xellug fejn hemm il-qanpiena l-kbira nħadmet fl-1915 iċ-ċuqlajta l-kbira li tieħu post il-qniepen fil-jiem ta' Ħamis ix-Xirka u fil-Ġimgħa l-Kbira sa Sibt il-Għid. Fis-sena 1994 sar xogħol ta' manutenzjoni fil-qniepen. Ix-xogħol inbeda f'Ġunju wara l-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-manutenzjoni kienet tikkonsisti fit-tibdil taċ-ċinturini tal-qniepen kollha u saret tiswija fil-kalamita tal-kampnari minn Lino Camillieri u Leli Mifsud. L-ilsna tal-qniepen inqalgħu minn posthom u saret manutenzjoni fuqhom għand Cassar Shipyard tal-Marsa. Sar imbagħad it-tindif kemm tal-qniepen kif ukoll tat-travi li fuqhom huma mdendlin il-qniepen. Dan ix-xogħol flimkien mal-brix u t-tikħil tal-kampnari minn ġewwa sar kollu b'mod volontarju minn Domnic Spencer, Joe Attard, Joseph Bonello, Mario Bonello, Stephen Attard u Dione Cefai. L-iċċumbar tal-ħbula l-ġodda tal-qniepen sar minn Anġlu Catania. Ix-xogħol kollu tlesta sal-Ħamis 11 ta' Awwissu 1994 meta l-qniepen reġgħu semmgħu leħenhom fil-mota msejħa tal-Ħamis filgħaxija meta tindaqq biex tfakkarna li l-Mulej Ġesù waqqaf l-Ewkaristija.

Il-qniepen għandhom sehem importanti fil-ħajja parrokkjali għaliex jistednuna għat-talb u għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, għall-quddiesa u għal funzjonijiet oħra. Biex tfakkar din l-okkażjoni tal-miġja tal-qniepen saret plakka kommemorattiva mogħtija mill-Kavallier Charles Attard u tbierket mill-Gwardjan P. Valent Calleja O.f.m. Cap. nhar l-14 ta' Marzu 2012, eżattament f'għeluq il-mitt sena tat-tberik u l-konsagrazzjoni tagħhom. Il-Ħadd 18 ta' Marzu saret *open day* għall-kampnari u ħareġ fuljett fuq il-qniepen. J'Alla kull meta nisimgħu t-tokki u l-moti tal-qniepen il-ħsieb tagħna nerfgħuh lejn il-Mulej u nirrispondu għalihom billi nattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja. (Hemm ukoll *feature* permezz tal-*youtube* dwar il-mitt sena tal-qniepen tal-Marsa.)

